**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 26 ta' Ottubru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 375/2015 AF**

**Eugenio Bartolo**

**vs**

**Avukat Dottor Johann Debono**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Eugenio Bartolo, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Emanuel Grech, li rabba lir-rikorenti, miet fil-31 ta' Awwissu 2011 u dan skond ma jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt 2218/2011 – Dok "A".

L-istess Emanuel Grech, qabel ma miet, ippubblika diversi testmenti izda huwa miet bl-ahhar testment li igib id-data tal-14 ta' Lulju 2010 u ai termini tal-ahhar testment tal-mejjet Emanuel Grech l-esponenti huwa l-uniku eredi tieghu.

Fil-15 ta' Dicembru 2009 l-intimat irceva pagament ta' ghoxrin elf Euro (€20,000) minghand r-rikorrenti u minghand Emanuel Grech reklamati u dikjarati fl-annessa ricevuta bhala pagament akkont ta' ammont akbar li kellu jithallas 'l quddiem bhala drittijiet legali u spejjes gudizzjarji relatati mal-kaz ta' Harry Cutajar – Dok "A1".

Fl-14 ta' Mejju 2010 l-intimat irceva minghand Emanuel Grech l-ammont ta' hmistax-il elf euro, (€15,000 - Dok "B") reklamati u dikjarati fl-annessa ricevuta bhala rappresentanti hlasijiet ta' ricerka legali, spejjez u drittijiet necessarji biex iwasslu ghall-ftuh ta' kawza kontra Harry Cutajar ghall-kancellament tal-iskrittura illegali li kienet saret bejnu u bejn Jimmy Grech. Inoltre, skond kif gie dikjarat fl-istess ricevuta, dan l-ammont ikopri zewg terzi ta' l-ispejjes tal-procedura w ir-rimanenti somma ta' €5,000 kellha tithallas 'l quddiem kif ikun mitlub.

Sussegwentement attwalment gie hekk mitlub u is-somma ta' €5,000 thallset ukoll mill-imsemmi Emanuel Grech lill-intimat.

Il-proceduri legali ghall-kancellament tal-iskrittura illegali li kienet saret bejn Harry Cutajar u Jimmy Grech qatt ma giet istitwita.

Fit-3 ta' Settembru 2010, ir-rikorrenti hallas bhala depozitu lill-intimat is-somma ta' €12,000 rigwardanti l-Appell Civili Inferjuri, li flimkien mal-ammont ta' €10,000 li thallsu precedentement kellhom jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez legali/gudizzjarji li l-intimat kellu jirrikjedi biex jikkompleta s-servizzi professjonali tieghu fil-kazijiet tal-Qorti li kienu ghaddejjin fuq il-fond "The Cottage" ta' Sliema Road Gzira. L-istess rendikont kellu jigi interpretat fid-dawl u fil-kuntest ta' ohrajn li precedewh – kollox skond kif dikjarat fl-istess ricevuta rilaxxjata mill-intimat lir-rikorrenti, hawn esibita u markata bhala Dokument "C".

Attwalment l-unici proceduri legali li gew inkorsi in konnessjoni mal-fond "The Cottage", Sliema Road, Gzira u intraprizi mill-intimat f'isem ir-rikorrenti jirreferu ghall-Avviz quddiem it-Tribunal tat-Talbiet iz-zghar (Avvis Numru 926/09/RFA) fl-ismijiet "Harry Cutajar vs Eugenio Bartolo" li gew decizi definittivament mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-28 ta' Gunju 2011.

Skond it-taxxa ufficcjali tal-ispejjez legali inkorsi in konnessjoni ma' din il-kawza, id-drittijiet professjonali tal-intimat u l-ispejjes relattivi jammontaw ghal €565.61, skond ma jirrizulta mill-kopja tat-taxxi hawn esibiti u markati bhala Dokument "D" u "D1".

Fid-29 ta' Settembru 2011, l-intimat iddikkjara li huwa fil-kwalità tieghu ta' ezekutur testamentarju tal-mejjet Emanuel Grech irceva l-ammont ta' mija hamsa u sebghin elf lira sterlina [GBP175,000] minghand Lloyds TSB Bank Plc skond ma jirrizulta mill-kopja tac-cekk numru 643 bid-data tal-16 ta' Settembru 2011 u mill-kopja tal-ittra hawn annessa u markata Dokument "E" u "E1".

Skond ma jirrizulta mill-imsemmija ittra tal-intimat tal-29 ta' Settembru 2011 (Dok "E") mibghuta lill-Lloyds Bank huwa irceva is-somma imsemmija u baqa' qatt ma ghaddiha lir-rikorrenti, u fil-fatt qatt ma informa lir-rikorrenti la li talab ghaliha minn Lloyds Bank u lanqas li irceviha. Naturalment kopja ta' din l-ittra qatt ma inghatat lir-rikorrenti u ir-rikorrenti sar jaf biha meta l-avukat sottofirmat ottjena l-inkartament

ossija il-*file* tar-rikorrenti minghand l-intimat u sfolja il-kontenut ta' l-istess *file*.

Attwalment meta wiehed jezamina ir-ricerki testamentarji tal-mejjet Emanuel Grech u isib l-ahhar testment tieghu u cioè dak bid-data tal-14 ta' Lulju 2010 li bih innomina lir-rikorrenti bhala l-uniku eredi tieghu, jirrizulta li attwalment l-intimat ma kienx nominat bhala ezekutur testamentarju tal-gid tal-mejjet Emanuel Grech – ara hawn anness kopja tal-testment riferut kif ukoll tac-certifikati rilaxxjati mir-Registru Pubbliku u mill-Qorti tal-Gurisdizzjoni Volontarja markati Dokument "F", "G" u "H".

Rinfaccat x'ghamel b'dan il-*bank draft* ta' GBP175,000, l-intimat stqarr li il-*bank draft* li huwa irceva minghand Lloyds Bank qatt ma irnexxilu isarrfu.

L-intimat mitlub anke b'zewg ittri ufficcjali sabiex jaghti rendikont komplet lir-rikorrenti tal-flus kollha li ghaddew minn idejh u jirrifondi l-ammont rizultanti, baqa' mhux biss ma ghamel xejn izda lanqas biss irrisponda ghall-istess ittri ufficcjali, ghalkemm prometta li sejjer jaghmel hekk mal-avukat sottofirmat.

Ghalhekk ir-rikorrenti ma kellux triq ohra ghajr li jirriferixxi ghal dawn il-Qrati.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Din il-Qorti ma ghandiex tikkundannah sabiex jaghti rendikont shih u dettaljat tal-flejjes kollha tar-rikorrenti u jew tal-awtur tieghu li ghaddew minn idejn l-intimat.

2. Jigi dikjarat illi ghajr ghall-ammonti talvolta rizultanti bhala attwalment dovuti lill-intimat skond it-taxxi ufficcjali mahruga mir-Registratur tal-Qorti l-bilanc rimanenti ghandu jigi rifuz lir-rikorrenti.

3. Ma ghandux konsegwentement jigi ikkundannat ihallas lir-rikorrenti l-ammont hekk rizultanti, wara li issir it-tpacija tal-ammont lilu dovut u dan abbazi ta' taxxi ufficcjali

mahruga mir-Registratur tal-Qorti mill-ammont ta' €62,000 lilu imhallsa separatament fid-dati hawn fuq imsemmija.

4. Ma ghandux jigi ikkundannat jirrifondi w ihallas lir-rikorrenti l-ammont li talvolta jirrizulta li ghadda minn idejn l-intimat, meta irceva il-pagament sostanzjali minn Lloyds Bank plc permezz tac-cekk numru 643 bid-data tal-16 ta' Settembru 2011, li qatt ma ghadda lir-rikorrenti.

5. Ma ghandux jigi ikkundannat ihallas lir-rikorrenti l-imghax legali li iddekorrew u jibqghu jiddekorru fuq is-somom minnu mizmuma abusivament sal-gurnata tal-effettiv pagament lir-rikorrenti – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali ulterjuri u bl-ispejjez komprizi dawk ta' zewg ittri legali mibghuta lill-intimat kif ukoll bl-ispejjes komprizi dawk ta' zewg ittri ufficcjali u tal-mandat ta' sekwestru mahrug kontestwalment mal-presenti kontra l-intimat li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat Dr. Johann Debono, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Fuq bazi preliminari u fl-ewwel lok, jigi ccarat u kkonfermat illi l-esponenti qua intimat qatt u fl-ebda okkazjoni ma esegwixxa xogholijiet legali u gudizzjarji li gew awtorizzati li jsiru minn Eugenio Bartolo qua rikorrenti f'din il-kontendenza litigjuza kif ser jigi ppruvat u muri b'mod car f'dawn il-proceduri. Ir-relazzjoni professjonali u legali li kienet tezisti unikament u esklussivament bejn l-esponenti professjonist tal-Ligi, u l-klijent tieghu, kienet wahda strettament bejn id-defunt Emanuel Grech u l-esponenti nnifsu, ghalkemm fil-maggior parti tal-inkontri kien ikun prezenti Eugenio Bartolo fuq xewqa tad-defunt stess dak iz-zmien, u ghal dawn il-motivi, l-esponenti, illum ma ghandu ebda rabta personali jew professjonali mar-rikorrenti Eugenio Bartolo qua eredi tal-

imsemmi defunt Emanuel Grech u mhuwiex b'mod assolut il-legittimu kuntradittur fil-proceduri odjerni.

Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, u fuq bazi preliminari wkoll, it-talbiet tar-rikorrenti huma neboluzi, u ghandu jigi specifikat fuq liema skop ezatt, kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, skond ir-regjun tal-Ligi regolanti tali talbiet konsegwenzjali, qeghdin jigu stradati kontra l-intimati qua esponenti.

Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, u minghajr ebda tebgha ta' dubju, jigi eccepit ulterjorment, illi fil-mertu, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti Eugenio Bartolo, huma in ogni kaz, infondati ghall-ahhar fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ccarat u ghandhom jigu respinti minnufih stante is-segwenti eccezzjonijiet fil-mertu.

Qabel xejn, jigi ccarat illi precedentement ghall-ittra ufficcjali Nru. 890/2015 mibghuta lil esponenti, l-esponenti kien digà fiehem bir-reqqa ir-ragunijiet kollha li jirrigwardaw il-kwittanza approprjata u gusta tieghu li kien ta' fuq il-kazijiet legali u x-xogholijiet kollha relatati mas-successjoni tad-defunt Emanuel Grech, wara li l-Avukat ta' Eugenio Bartolo kien talbu biex jirrilaxxa l-file tal-imsemmi defunt sabiex ikun jista' jibda jassisti lil dan il-klijent.

L-esponenti Dr. Johann Debono, in kwantu l-klijent uniku tieghu Emanuel Grech, meta kien jopera taht il-kappa legali tad-ditta "Chetcuti & Associates" kien jiltaqa' regolarment fuq firxa ta' tlett snin shah mis-sena 2008 'il quddiem, mal-imsemmi klijent sabiex mhux biss jaghti pariri legali u gudizzjarji lil Emanuel Grech fil-kawzi li kellu in kwantu Harry Cutajar fuq il-fond bl-isem ta' "The Cottage", li jinsab fi Sliema Road, Gzira, skond problemi li kienu qeghdin jinqalghu minn wara l-mewt tad-defunt Jimmy Grech li kien jigi hu Emanuel Grech, imma sabiex ukoll, haga li fir-rikors promotur ta' Eugenio Bartolo, giet naskosta b'nuqqas ta' rispett u ta' sincerità lejn l-esponenti qua intimat u professjonist fil-qasam tal-Ligi, illi dan tal-ahhar ghamel sessjonijiet twal hafna u fuq firxa ta' snin ukoll mis-sena 2008, kif gie mitlub isir minnu stess esklussivament minghand Emanuel Grech bil-konoxxenxa

ta’ Eugenio Bartolo wkoll, kif jistghu jixhdu diversi xhieda f’din il-vertenza. Dan ix-xoghol kollu sar provizorjament minghajr talba ghal hlas specifika, sakemm kien ghadu in vigore it-testment datat 14 ta’ April 2009 fl-Atti tan-Nutar Pubbliku Timothy Ellis. Ir-raguni ewlenija li minhabba fiha, l-esponenti sa dakinhar kif kien miftiehem ma’ Emanuel Grech stess, ma zamm ebda hlas ghal tali servizzi rezi in kwantu r-ricerki, il-pariri, l-istudju approfondit ta’ kull testament pubbliku li sa dakinhar kien sar, il-konsultazzjonijiet li saru mal-klijent, u dawk relatati mal-istess redazzjoni ezatta tal-imsemmi testment, kienet decizjoni mehuda purament stante il-fatt illi permezz tan-nomina tal-esponenti bhala ezekutur testamentarju huwa eventwalment kien ser jippercepixxi l-ammont komputat u llikwidat ta’ sitta fil-mija (6%) fuq il-patrimonju globali li kien ser jigi assenjat lil legatarji u li
6l eredi skond il-volontà espressa u miktuba tal-imsemmi Emanuel Grech tramite ix-xoghol tal-ezekuzzjoni tal-esponenti qua intimat.

Jigi ccarat ulterjorment l-esponenti stante l-fiducja assoluta li kellu minghand Emanuel Grech fix-xogholijiet professjonali u diversi li kien jaghmel minn zmien ghal zmien fil-qasam tas-successjoni stante li kien sar ftehim verbali mal-klijent stess Emanuel Grech f’dan is-sens b’koncessjoni u b’decizjoni mahruga mill-ufficcju ta’ dak iz-zmien, l-esponenti qua intimat qabel perfettament illi ma jzomm xejn bhala hlasijiet tax-xoghol kif spjegat, li kien sar, galadarba kien ser jithallas sew tax-xoghol tiehgu permezz tal-percentwali moghtija lilu u miktuba fit-testment pubbliku mit-testatur Emanuel Grech stess bil-volontà espressa tieghu quddiem in-Nutar Pubbliku Tim Ellis, bhala n-Nutar Pubbliku nkarigat mill-pubblikazzjoni tal-istess testment pubbliku. Dan kellu japplika biss però, skond l-istess ftehim verbali li kien sar sal-mument li t-testment pubbliku datat 14 ta’ April 2009 fl-Atti tan-Nutar Pubbliku Timothy Ellis jibqa’ in vigore, ghaliex jekk le, l-esponenti kellu kull dritt li ttih il-Ligi li jithallas ta’ xogholu minn ammonti li kien qed jippercepixxi bhala lump sum payments minghand Emanuel Grech u kellu wkoll addizzjonalment ghal dawn l-ammonti, jithallas ulterjorment billi tinhareg talba finanzjarja ghal dan l-iskop, haga li sa llum qatt ma ntalbet.

Jigi ccarat ulterjorment illi sussegwentement ghal mewt tat-testatur Emanuel Grech fid-19 ta' Awwissu 2011, l-esponenti qua intimat matul il-perkors ta' xogholu kien verament ircieva cekk mahrug f'ismu mill-Lloyds Bank "For DPM Services" datat 16 ta' Settembru 2011. Dan ic-cekk ma kienx jikkontjeni mieghu ebda covering legal letter jew bank note, ta' lil min kien verament jappartjeni u ghalxiex kien qieghed jintbaghat lill-esponenti. Kien ghalhekk illi fuq struzzjonijiet tal-ufficcju ta' dak iz-zmien, l-esponenti qua intimat kien ha hsieb li minhabba l-verifikazzjonijiet fattwali, legali u s-sigurtà tal-integrità necessarja tal-ufficcju stess, kiteb ittra interpellatorja lil Bank Lloyds filwaqt li l-istess cekk kien mitfugh ghal clearance process tal-Bank BOV Mellieha Branch, fuq kont apposta intestat "succession clients", kif ser jigi muri f'dawn il-proceduri. Gara illi dan ic-cekk gie dikjarat bhala "fraudulent" minn naha tal-BOV bil-konsegwenza li fuq struzzjonijiet tal-esponenti stess il-Bank BOV intalab jaghmel rapport dettaljat dwar kif dan ic-cekk ma kienx gie likwidat fil-kont kummercjali tal-istess Bank.

In kwantu ghal dan ic-cekk surreferit, dan l-ufficcju mhux biss ta' spjegazzjoni ezawrjenti lil Avukat tal-kontro-parti Eugenio Bartolo, meta gie mitlub minnu li jaghmel, izda anki ghaddielu d-dettalji kollha u l-fatti relatati mal-mod kif dan ic-cekk gie dikjarat fazul u frawdolenti, bil-probabilità cara li dan l-istess cekk ma originax mill-patrimonju ta' Emanuel Grech. L-Avukat tal-kontro-parti, u l-klijent tieghu ma kienux kuntenti b'dawn il-fatti u minghajr ebda konsultazzjoni ulterjuri, talbu ghall-arrest tal-esponenti permezz ta' kwerela appozita fil-bidu tas-Sajf 2014 sabiex isiru investigazzjonijiet kriminali a bazi ta' frodi jew qerq, li finalment wasslu sabiex jigi dikjarat mill-Pulizija ta' Malta, li dan l-agir kien biss, agir ta' vendetta fuq Avukat professjonist.

Ormai u finalment, l-esponenti mhux biss ihoss il-htiega li jigbro dan il-kontenut massiv ta' eccezzjonijiet fil-mertu, b'mod spjegattiv u ezawrjenti ghall-ahhar sabiex jipprotegi l-integrità u d-dinjità tieghu f'dak li sar u ghadu qed isir kontrih b'mod abbuziv ghall-ahhar, izda filwaqt li apparti li qed jirrespingi bis-shih, fil-fatt u fid-dritt, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti fit-totalità tag/hhom, qieghed jirriserva minn issa kull azzjoni

spettanti lilu ghal malafama li qed issirlu mir-rikorrenti stess, u minn kull persuna li flimkien mar-rikorrenti qeghdin jippruvaw ikissru l-fiducja professjonali u r-rapport li kien jezisti bejn l-esponenti u d-defunt Emanuel Grech, li ghalih dan l-ufficcju ghad ghandu rispett kbir ghax-xoghol li kien joghgbu jaghti lill-esponenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri, li jkunu opportuni li jinghataw u jigu sollevati fi kwalunkwe stadju ta' din il-vertenza litigjuza.

Bl-ispejjez tal-prezenti u ta' kull Att Gudizzjarju li gie ntavolat kontra l-esponenti qua intimat, inkluz l-ispejjez tal-Ittra Ufficcjali Nru. 890/15 datata 15 ta' Marzu 2015, u l-Att Kawtelatorju tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 673/15, kontra r-rikorrenti Eugenio Bartolo li minn issa huwa ingunti in subizzjoni.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din tal-lum hija kawża għal rifużjoni ta' flus imħallsa lill-avukat. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur huwa l-uniku eredi ta' Emanuel Grech li miet fil-31 ta' Awwissu 2011. Emanuel Grech kien il-klijent tal-intimat kif ukoll ħabib tal-familja tiegħu. Fil-fatt, jirriżulta li kienet din ir-relazzjoni personali ta' bejniethom li ressqet lil dawn it-tnejn flimkien.

Jirriżulta mhux kontestat illi bejn Diċembru 2009 u Settembru 2010, Emanuel Grech ħallas lill-intimat is-somma komplessiva ta' €62,000 għal servizzi professjonali reżi. Skont l-intimat, dawn kienu jikkonsistu f'riċerka legali u pariri li kien jaghtih dwar il-proprjetà tiegħu konsistenti minn diversi proprjetà immobbli u (skont l-intimat) xi investimenti wkoll.

L-intimat irrappreżenta wkoll lill-attur innifsu f'kawża li saret kontrih quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar fl-ismijiet Harry

Cutajar vs Eugenio Bartolo li ġiet deċiża finalment mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fit-28 ta' Ġunju 2011. Minkejja li l-intimat jgħid illi kien ħejja wkoll ittra uffiċjali għal Emanuel Grech kif ukoll laħaq ipprepara abbozz ta' rikors ġuramentat li kellu jiġi preżentat quddiem din il-Qorti, huwa ma ġab l-ebda prova ta' dan.

Mill-atti jirriżulta li fil-15 ta' Diċembru 2009, Emanuel Grech ħallas lill-intimat €20,000 '*biex jiġi awtorizzat il-proċess legali li bih il-klijenti sottoskritti sejrin jiddefendu jew jattakkaw lil terzi fuq kwistjonijiet legali marbutin mal-istabbiliment bl-isem ta' 'The Cottage'...*' Jirriżulta mill-istess riċevuta rrilaxxata mill-intimat li din is-somma tħallset '*akkont ta' ammont akbar li għandu jitħallas aktar il-quddiem in kwantu drittijiet legali u spejjeż ġudizzjarji neċessarji u relatati mal-każ ta' Harry Cutajar.*' Il-klijenti kienu l-attur u Emanuel Grech.

Permezz ta' riċevuta tal-14 ta' Mejju 2010, l-intimat iddikjara li rċieva mingħand Emanuel Grech is-somma ta' €15,000,

> "*rappreżentanti ħlasijiet ta' riċerka legali, spejjeż u drittijiet neċessarji li jwasslu għall-ftuħ tal-kawża ġudizzjarja kontra Harry Cutajar għall-kanċellament tal-iskrittura illegali li kienet saret bejnu u bejn Jimmy Grech. Dan l-ammont ikopri żewġ terzi (2/3) tal-ispejjeż tal-proċedura u r-rimanenti somma ta' Euro 5,000 għandha titħallas il-quddiem kif ikun mitlub.*"

Fit-3 ta' Settembru ġiet maħruġa riċevuta ta' €12,000 f'isem l-attur,

> "*rigwardanti l-Appell Ċivili li flimkien mal EUR 10,000 li tħallsu preċedentement, jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż legali/ġudizzjarji li Dr Johann Debono, B.A., LL.D. għan-nom u in rappreżentanza tal-uffiċju tiegħu, jirrikjedi biex jikkompleta s-servizzi professjonali tiegħu fil-każijiet tal-Qorti li bħalissa għaddejjin minnhom fuq il-fond The Cottage, ta' Sliema Road, Gżira. Dan ir-rendikont għandu jiġi interpretat fid-dawl u fil-kuntest ta' oħrajn li ppreċedewh.*"

Skont l-intimat, is-somma ta' €62,000 hija biss parti minn somma akbar dovuta lilu għas-servizzi professjonali li kien ippresta lil Emanuel Grech. Huwa ppreżenta kont li jġib id-data 3 ta' Settembru 2010 minn fejn jirriżulta li huwa qiegħed jippretendi li s-somma globali dovuta lilu hija ta' €107,386.36 għall-perjodu bejn Jannar 2008 u Settembru 2010 għal total ta' 1078.5 siegħa xogħol bir-rata ta' bejn €80-€90 is-siegħa eskluża t-taxxa fuq il-valur miżjud.

L-intimat ippreżenta wkoll taxxa tad-drittijiet extra ġudizzjarji li giet kalkolata mir-Reġistratur tal-Qorti a tenur tal-artikolu 556 tal-Kap. 12 fuq talba tiegħu abbażi tal-informazzjoni li provdielu l-istess intimat. Id-dritt professjonali dovut skont din it-taxxa jammonta għal €56,557 (1078.5-il siegħa bir-rata ta' €40 is-siegħa, 100 traġitt bir-rata ta' €35-il traġitt, €15 spejjeż u taxxa fuq il-valur miżjud maħduma fuq l-ammont kollu). Jirriżulta li l-intimat lanqas biss jaqbel ma din it-taxxa stante li qed jippretendi li għandu jitħallas b'rata għola.

L-intimat jgħid li huwa qatt ma bagħat kont lill-attur jew lil Emanuel Grech għaliex il-ftehim li kellu mal-mejjet kien illi jitħallas mill-patrimonju tiegħu stante li fit-testment li kien għamel Emanuel Grech fl-14 ta' April 2009 l-intimat ġie nominat eżekutur testamentarju u ġie stipulat li,

> "*għandu jitħallas dritt għal prestazzjonijiet tiegħu l-ekwivalenti ta' sitta fil-mija (6%) tal-assi immobbli u mobbli kollha (...) qabel ma jitnaqqas kull debitu, spiża jew taxxa li tista' tkun dovuta fuq l-assi tal-istess testatur (...) It-testatur jiddikjara li d-dritt imħolli lill-eżekutur testamentarju qiegħed jiġi kostitwit bħala turija ta' apprezzament għas-servizzi professjonali ġja reżi lit-Testatur mill-eżekutur testamentarju u għas-servizzi tiegħu li l-eżekutur testamentarju jrid irendi fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu bħala eżekutur.*"

Jirriżulta li meta sar dan it-testment quddiem in-Nutar Timothy Ellis, l-intimat kien preżenti. Madanakollu, qabel ma miet, Emanuel Grech għamel testment ieħor fejn irrevoka u annulla kwalunkwe testment preċedenti u din id-darba ma ġie istitwit l-ebda eżekutur testamentarju.

Ftit ġimgħat wara l-mewt ta' Emanuel Grech, l-intimat irċieva *cheque* f'ismu datat 16 ta' Settembru 2011 ta' £175,000 li kien jidher li ntbagħat mingħand il- bank Ingliż Lloyds TSB Bank plc. Mhuwiex ċar għalfejn l-intimat assuma li dawn il-flus kienu jiffurmaw parti mill-patrimonju ta' Emanuel Grech meta huwa stess jammetti li dak iż-żmien kellu klijenti barranin. L-intimat sa anke jgħid illi ħaseb li dan ic-*cheque* seta' kien il-ħlas dovut lilu għas-servizzi professjonali reżi lil Emanuel Grech. Madanakollu, meta mar biex jiddepożita dan ic-*cheque* instab li kien falz u l-bank ma sarrfux. Sussegwentement, l-intimat ġie investigat mill-pulizija wara kwerela li għamel l-attur. In vista tal-fatt illi dan ic-cheque ma ssarrafx u lanqas ma rriżulta li kellu xi konnessjoni mal-patrimonju tal-mejjet, fis-sottomissjonijiet tiegħu l-attur iddikjara li qiegħed jirtira r-raba' talba tiegħu.

L-attur kemm f'ismu personali u kif ukoll bħala l-uniku eredi ta' Emanuel Grech qiegħed jippretendi rifużjoni tal-flus li tħallsu żejda lill-intimat stante li skont l-attur huwa dovut biss id-dritt professjonali skont ma ġie ntaxxat mir-Reġistratur tal-Qrati wara l-kawża ta' Harry Cutajar deċiża finalment mill-Qorti tal-Appell Inferjuri.

In linea preliminari, l-intimat jeċċepixxi li huwa m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attur għaliex il-klijent tiegħu kien Emanuel Grech biss. Madanakollu, mill-atti jirriżulta li dan mhuwiex korrett. Huwa veru li l-flus kienu ta' Emanuel Grech, imma l-attur kien il-klijent tiegħu wkoll tant illi r-riċevuti l-intimat kien joħroġhom f'isem l-attur ukoll u huwa kien saħansitra rrappreżenta lill-attur fil-kawża li kien għamel kontrih Harry Cutajar. B'żieda ma dan kollu, l-attur huwa l-eredi universali ta' Emanuel Grech u allura għandu kull dritt illi jressaq din il-kawża bħala l-kontinwazzjoni tal-personalità ġuridika tal-mejjet. Din l-eċċezzjoni qiegħda għalhekk tiġi miċħuda.

L-intimat jeċċepixxi wkoll li t-talbiet tal-attur huma nebolużi in kwantu li mhuwiex ċar fuq liema artikolu tal-liġi qiegħed jibbaża l-pretensjonijiet tiegħu. Fil-fehma tal-Qorti t-talbiet attriċi ma huma nebolużi xejn. L-attur jesigi rendikont tas-

servizzi professjonali li għalihom Emanuel Grech ħallas eluf ta' Ewro u f'każ li ma jiġix ipprovat li l-intimat tħallas ta' xogħol li attwalment għamel jew ħin li attwalment iddedika sabiex jipprovdi s-servizzi professjonali tiegħu lill-mejjet jew lill-attur stess, rifużjoni ta' dawn il-flus. L-intimat tant fehem x'inhuma l-pretensjonijiet u t-talbiet tal-attur li huwa kkontesta din il-kawża bis-saħħa. Din l-eċċezzjoni qiegħda għalhekk ukoll tiġi miċħuda.

Fil-mertu, l-eċċezzjonijiet tal-intimat jistgħu jiġu miġbura f'argument wieħed fis-sens illi huwa filfatt iddedika siegħat twal għar-riċerka li kien jagħmel u laqgħat li kien ikollu ma Emanuel Grech dwar kwistjonijiet legali li kienu jolqtu l-proprjetà tiegħu.

In linea ta' prinċipju ta' dritt, fil-każ ta' Maureen Scicluna vs Dr Anthony P. Farrugia, deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri nhar is-6 ta' April 2005, intqal hekk:

> *"hi gurisprudenza pacifika illi r-rapport li jghaddi bejn klijent u l-avukat jew il-prokuratur legali li jqabbad ghall-affarijiet tieghu gudizzjarji huwa dak ta' mandat. Ara Kollez. Vol. XXIX P I p 617. Jitnissel minn dan illi l-inkarigu konferit lill-professjonista jimplika fil-mandatarju l-poter li jaghmel dak kollu li hu mehtieg ghall-ezekuzzjoni ta' l-inkarigu li jkun irceva (Kollez. Vol. XXIX P II p 968; Vol. XLI P I p 572; "Avv. Dr. Louis Vella et -vs- Direttur tal-Lottu Pubbliku", Appell, 8 ta' Mejju 2000);*
>
> …
>
> *Meta l-avukat jaccetta l-inkarigu huwa jassumi l-obbligu li jezegwixxi l-att guridiku li ndahal ghalih fl-interess tal-mandanti. Essenzjalment, l-adempjenza tieghu tirravvisa ruhha fir-relazzjoni interkorrenti bejn l-obbligu li jikkonforma ruhu ma' l-indikazzjonijiet tal-mandanti u r-realizzar ta' dan l-istess obbligu. Li hu cert huwa l-fatt li ma jistax jippretendi li jitragga vantagg ghalih mis-somom lilu affidati ghal skop specifiku. Il-ligi hi cara. Hu obbligat jezegwixxi l-mandat, inkella fin-nuqqas ta' ezekuzzjoni jista' jkun passibbli ghal danni u mghaxijiet [Artikolu 1873 (1) Kapitolu 16]. Hu mistenni li din l-ezekuzzjoni ssir bid-*

*dovuta diligenza tal-bonus paterfamilias skond il-kapacita` professjonali tieghu. Diligenza din li trid tigi valutata essenzjalment in relazzjoni ma' l-intendiment tal-mandat u b' riferiment ghal-limiti oggettivi ta' l-inkarigu u l-istruzzjonijiet impartiti lilu qua mandatarju. Li jfisser illi jekk jagixxi fil-limiti tal-mandat u qaghad ghall-istruzzjonijiet moghtija ma tistax tigi mputata lilu ebda ezekuzzjoni negligenti. Inversament, jekk huwa jagixxi difformement mill-inkarigu huwa jitqies fi htija fit-termini ta' l-Artikolu 1873 (1) succitat. Dan wara kollox ma huwiex hlief riaffermazzjoni tal-principju generali in tema ta' l-obbligazzjonijiet kontenuti fl-Artikolu 1125 ta' l-istess Kodici Civili."*

Huwa rilevanti wkoll dak li kienet qalet din il-Qorti fil-każ fl-ismijiet Avukat Carmel Mifsud Bonnici vs Carmelo Borg, tat-28 ta' Novembru 1935:

*"Trattandosi ta' patroċinju legali f'inkjesta dipartimentali, ma hemmx tariffa legali "ad hoc". Pero f'każijiet analogi ġie deċiż illi meta ma hemmx tariffa, allura l-Qorti għandha toqgħod għall-apprezzament li tax-xogħol tiegħu jagħmel l-istess professjonista, meta dana l-apprezzament mhux evidentement u kważi "prima facie" eżaġerat. Hekk għallmet dina l-Qorti fil-kawża "Dottor Adriano Dingli -vs- Busuttil" maqtugħa fil-5 ta' Novembru, 1907 (konfermata fl-Appell fis-26 ta' Frar, 1908), kif ukoll fil-kawża "Dottor Zammit utrinque", 3 ta' Marzu 1903 u "Dottor Zammit -vs- Dottor Preziosi", 12 ta' Marzu 1903. Anke l-Qorti ta' l-Appell fil-ġurisdizzjoni tagħha inferjuri, in re: "Zammit -vs- Azzopardi", 7 ta' Diċembru 1896, stabbiliet l-istess prinċipju, u fakkret illi fl-eżami li l-Qorti tagħmel tad-dritt reklamat mill-professjonista, meta ma hemmx tariffa, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha, fosthom anki r-rispettabilita` u l-onorabilita` tal-professjoni legali. Fi żmien riċenti dawna l-prinċipji ġew adottati fil-kawża "Dottor Serafino Vella -vs- Tanti", tat-3 ta' Novembru, 1920, maqtugħa fl-appell."*

Finalment, il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għal dak li qalet din il-Qorti fil-każ ta' Gaetano Abdilla -vs- Avukat Dottor Joseph F. Cassar Galea, tat-28 ta' Ġunju 1966:

> *"Il-kumpens għax-xogħol pretiż irid jirriżulta jew minn taxxa, u jekk ma jistax ikun li tiġi prodotta taxxa, "il compenso dovra' stabilirsi secondo il prudenziale arbitrio della Corte, avuto riguardo all'importanza che vi annetteva il convenuto, agli incomodi sofferti dell'attore, al tempo che si dovesse impiegare ad ella sua cooperazione in generale per sostenere la ragioni del cliente" (Kollez. XXIV, I, 228); u ċirka l-onorarju ta' Avukat għall-prestazzjonijiet professjonali "non contemplate da alcuno tariffa si deve stare all' apprezzamento dell' opera ch'egli fa, salvo che risulti all'evidenza e quasi prima facie, che tale apprezzamento e' esagerato" (Kollez. XX, ii, 267). U kull darba li dawna d-drittijiet jiġu reklamati "sia necessario liquidarli tenuto sempre conto della rispettabilita` della professione..." (Kollez. XXIV, I, 590)... Fl-aħħarnett għandu jiġi rilevat li għalkemm id-disposizzjoni tal-artikolu 80[1] tal-Proċedura Ċivili mhijex applikabbli għall-każ, billi f'materja penali, ma teżistix tariffa ta' drittijiet eppura dina l-Qorti hija tal-fehma li dina d-disposizzjoni tistabilixxi prinċipju ta' moralità professjonali li għandha tkun superjuri għal kwalunkwe konsiderazzjoni ta' natura strettament patrimonjali anke pattwita li tista' tnaqqas fl-opinjoni tal-klijent u tal-pubbliku in ġenerali xi ħaġa mill-attribut ta' dik l-integrità li hija patrimonju indiskuss u tradizzjonali tal-Avvokatura Maltija."*

Stabbilit dan kollu, din il-Qorti m'għandhiex l-iċken dubju li l-intimat abbuża mill-ġenerożità ta' Emanuel Grech u mhux talli m'għandux jitħallas aktar, imma talli huwa għandu jirrifondi lill-attur ammont sostanzjali ta' flus.

Il-verżjoni tal-intimat la hija verosimili u lanqas kredibbli u huwa altru milli ovvju li l-għan ewlieni tiegħu kien (u għadu) li jakkwista kemm jiflaħ mingħand Emanuel Grech b'mod sfaċċjat tul ħajtu jew mill-patrimonju tiegħu.

---

[1] Illum artikolu 82

L-ewwel u qabel kollox, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-intimat naqas milli jressaq l-iċken prova dwar ix-xogħol illi jgħid li għamel fuq talba ta' Emanuel Grech. Filwaqt illi jippretendi li ddedika 'l fuq minn elf siegħa fuq medda ta' aktar minn sentejn u nofs, huwa lanqas kien kapaċi jixhed fid-dettal dwar imqar kwistjoni legali waħda li jgħid illi kellu l-mejjet ħlief li jsemmi b'mod vag ħafna xi skrittura li kienet saret bejn ħuħ Jimmy Grech u ċertu Harry Cutajar. Kif tista' l-Qorti qatt temmen lill-intimat li lanqas ħass il-bżonn li jippreżenta mqar dokument wieħed biex jiġġustifika l-kont eżorbitanti rrilaxxjat minnu? Fil-fatt, l-uniċi dokumenti ta' rilevanza li preżenta l-intimat kienu proprju relatati mal-flus li qiegħed jippretendi li għandu jieħu oltre l-eluf li diġa tħallas. Dan il-kont, kull ma fih is-sigħat u ġranet li jgħid illi ddedika lill-attur u r-rata li biha qiegħed jippretendi li għandu jitħallas. L-intimat xehed li huwa ma żammx rendikont uffiċjali imma kien jinnota l-ħinijiet informalment. Qiegħed jippretendi li l-Qorti temmen li 'informalment' huwa nnota aktar minn elf siegħa mingħajr ma qatt ħareġ kont. Lanqas ma preżenta mqar riċevuta waħda tal-ispejjeż illi jgħid illi għamel. Skont it-taxxa tad-drittijiet professjonali li ħejja r-Reġistratur fuq l-informazzjoni li provdielu l-intimat, l-istess intimat qiegħed jippretendi €1,297 għal *printing* ta' karti imma lanqas ippreżenta mqar waħda minnhom. Hija esaġerata wkoll ir-rata ta' €35 għal kull traġitt li jgħid li għamel biex mar id-dar ta' Emanuel Grech għal xi laqgħa u biex ikompli jitfa' l-melħ fuq il-ferita, qiegħed jippretendi t-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-ispejjeż ukoll.

Mhux hekk biss, iżda kif sewwa josserva l-attur, hija xi ħaġa tal-iskantament li l-intimat jgħid li għandu jieħu mingħand l-attur u qatt ma ħareġ kont, imma stenna sakemm ippreżenta dan il-kont fi stadju avvanzat ta' din il-kawża għaliex, skont hu, dejjem ippretenda li l-attur kien ser iħallsu. Mistoqsija oħra li ssegwi hija, jekk il-ftehim kien illi l-intimat jitħallas mill-patrimonju tal-mejjet, is-somma ta' €62,000 li tħallas sakemm kien għadu ħaj Emanuel Grech ta' xiex kienu?

Il-Qorti hija perplessa wkoll kif fir-risposta tiegħu l-intimat ikompli jirrepeti li l-ftehim li kellu mal-mejjet kien li ser jitħallas mill-patrimonju tiegħu, u ma jindirizzax lanqas imqar

eċċezzjoni waħda lejn l-eluf kbar li tħallas mingħand Emanuel Grech matul ħajtu. Il-fatt illi kienu jagħmlu siegħat jitkellmu fil-bar ta' Emanuel Grech mhuwiex biżżejjed biex jikkonvinċi lill-Qorti li huwa verament ippresta servizzi professjonali tiegħu u li kellu xi ftehim verbali mal-mejjet li jiġġustifika l-flus li tħallas u li qed jippretendi li għad baqalu jitħallas. Bħala avukat, l-intimat suppost jaf bil-prinċipji li min jallega jrid jipprova u *reus excipiendo fit actor*.

Lanqas ma tressqet mqar prova wahda tal-patrimonju tant "estensiv" li suppost kellu Emanuel Grech u li dwaru kellu bzonn dawn il-pariri legali kollha.

Kollox ma kollox jidher ċar li l-intimat mhux ta' min joqgħod fuqu u huwa interessat biss li jdaħħal il-flus anke fejn ma ħaqqux u l-etika tal-professjoni ma tiswa xejn għalih. Il-Qorti tqis li l-aġir tal-intimat hu wieħed kundannabbli u żgur li hu inkompatibbli mad-dinjità u l-unur tal-professjoni ta' avukat, li jnaqqas gravement mill-fiduċja li l-pubbliku għandu jkollu lejn il-professjoni.

In vista ta' dan kollu, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li a tenur tal-artikoli 1125 u 1135 tal-Kodiċi Ċivili, l-intimat għandu jirrifondi lill-attur il-flus kollha li rċieva mingħandu jew mingħand Emanuel Grech wara li jitnaqqas id-dritt spettanti lilu skont it-taxxa uffiċjali għal drittijiet u spejjeż fl-ammont ta' €565.61. Fil-kawża tal-lum huwa ma ġab l-ebda prova li kellu jitħallas imqar centeżmu aktar minn din is-somma. A tenur tal-artikolu 1141 tal-Kap. 16, l-imgħax għandu jibda jiddekorri mid-data meta ġiet notifikata lill-intimat l-ewwel ittra uffiċjali interpellatorja tal-attur.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba in kwantu li r-rendikont infatti ġie ppreżentat fil-mori tal-kawża;

2. Tilqa' t-tieni talba;

3. Tilqa’ t-tielet talba u konsegwentment, tikkundanna lill-intimat iħallas lill-attur is-somma ta’ wieħed u sittin elf, erbgħa mija u erbgħa u tletin Ewro u disgħa u tletin centeżmu (€61,434.39);

4. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba’ talba in kwantu li fis-sottomijssjonijiet tiegħu l-attur iddikjara li mhuwiex ser jinsisti aktar fuq din it-talba in vista ta’ dak li rriżulta mill-provi;

5. Tikkundanna lill-intimat iħallas lill-attur l-imgħax fuq is-somma ta’ wieħed u sittin elf, erbgħa mija u erbgħa u tletin Ewro u disgħa u tletin Ċenteżmu (€61,434.39) minn dakinhar li huwa ġie notifikat bl-ewwel ittra uffiċjali interpellatorja tal-attur.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu minn Dottor Johann Debono.

IMHALLEF

DEP/REG